MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 289/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Azzopardi talli fid-29 ta' Lulju 2004, fit-2 ta' Awissu 2004, fis-7 ta' Awissu 2004 kif ukoll fl-10 ta' Awwissu 2004, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta (Digriet Nru. 1072/2003), jew marbut b'kuntratt iehor, naqas milli jirritorna lill-wild minuri tieghu Keelan ghand ommu Christine Attard fil-hin stipulat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Dicembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Stephen

Azzopardi hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Stephen Azzopardi pprezentat fil-21 ta' Dicembru 2004, li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li fejn sabitu hati tiddikjarah mhux hati u kwindi tilliberah minn kwalsiasi imputazzjoni, htija u piena;

Rat il-verbal ta' l-20 ta' April 2005 fejn il-prosekuzzjoni eccepiet in-nullita` tar-rikors ta' appell peress illi t-talba finali kellha tkun ghar-revoka u mhux ghall-varjazzjoni tas-sentenza;

Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt;

Ikkunsidrat:

Dwar il-kwistjoni tan-nullita` o meno ta' rikors ta' appell din il-Qorti diversament presjeduta kienet dahlet fiha *funditus* fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Galea** (Appelli Numri 1/95VDG, 2/95VDG u 3/95VDG) decizi fit-30 ta' Gunju 1995 fejn gie ritenut hekk:

**"(a) Bhala regola generali, id-disposizzjoni in ezami, cioe` li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet 'very strictly and rigidly interpreted' (The Police v. John Hill, Criminal Appeal, 23/9/72).**

**(b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-tahsir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anke jekk intalab biss it-tahsir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra,**

**jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba gat-tahsir, ir-rikors ikun null (P. v. Anthony Zammit, 1/10/60, Vol. XLIV.iv.940; P. v. Richard Vincenti Kind, App. Krim., 16/9/72); P. v. Carmelo Agius, App. Krim., 14/10/72).**

**(c) Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement ried li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob."**

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti giet mitluba mill-appellant li "tvarja" s-sentenza appellata "fis-sens li fejn sabet lill-esponent hati … tiddikjarah mhux hati u kwindi tilliberah minn kwalsiasi imputazzjoni, htija u piena".

Issa mis-sentenza appellata jirrizulta li l-appellant instab hati ta' l-unika imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Huwa ovvju ghalhekk illi l-appellant, **galadarba qieghed jitlob il-liberazzjoni minn dik l-imputazzjoni**, kellu jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata u mhux ir-riforma jew varjazzjoni taghha, *"u ghalkemm tali talba [ghar-revoka tas-sentenza] kienet implicitament tkun tinkludi talba ghar-riforma tas-sentenza billi, f'kaz ta' konferma ta' htija dwar xi imputazzjoni, tigi konsidrata revoka jew tibdil tal-piena, seta' ukoll in subordine jitlob ir-riforma tas-sentenza dwar il-piena"* (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Omar Cassar**, 30 ta' April 2004).

Fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata mela, fir-rikors ta' appell ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma, u fil-fatt il-ligi hekk tghid fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz l-appellant talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata u mhux li tirrevokaha. Kieku talab ir-revoka tas-sentenza appellata, din il-Qorti kienet tkun tista', f'kaz ta' konferma tal-htija,

tvarja s-sentenza appellata limitatament ghall-piena biss. Li appellant jitlob varjazzjoni pero` jfisser li jrid li parti minn sentenza tigi kkonfermata u parti mibdula. Kif redatta t-talba fir-rikors ta' appell taht skrutinju, it-tieni parti (fejn l-appellant qieghed jitlob il-liberazzjoni minn kwalsiasi imputazzjoni, htija u piena) ma taqbilx mat-talba (li jkun hemm varjazzjoni).

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk, dan id-difett fl-istezura jgib in-nullita` tar-rikors ta' appell l-istess bhal meta jkollha tintalab ir-riforma u minflok tintalab ir-revoka, ghax il-ligi tesigi li tintalab jew wahda jew l-ohra u zgur mhux b'talba ghar-revoka donna subordinata ghal u kompriza fit-talba ghall-varjazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------